# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 30 TA' MARZU, 2021**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. Ġur. 1026/2019 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs.**

**L-Avukat Dr Joseph Brincat u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignoud kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Christopher Guest More magħruf bl-isem Andrew Christopher Lamb (K.I. No. 42381A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c.** ippreżentat fit-28 t'Ottubru, 2019 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, wiehed minnhom datat 19 ta' Ottubru 2009 maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela (Dok. "A") u iehor datat 14 ta' Ottubru 2013 maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. "B"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita` bankarji lill-intimat Andrew Christopher Lamb sive Christopher Guest More;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-intimat fis-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€325,689.85) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Andrew Christopher Lamb sive Christopher Guest More mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri sad-19 ta' Ottubru 2019 sad-data ta' l-effettiv pagament;

4 Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A", u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut:

(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

5 Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

6. Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Lulju 2019 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "D", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u cioe':

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tikkundanna lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lil Andrew Christopher Lamb sive Christopher Guest More jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€325,689.85) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Andrew Christopher Lamb sive Christopher Guest More mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri sad-19 ta' Ottubru 2019 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficcjali datata 16 ta' Lulju 2019 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Av Dr Joseph Brincat u tal-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud** ippreżentata fl-14 ta' Jannar, 2020 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti partikolari tal-kaz, u jehtiegu aktar informazzjoni halli jkunu jistghu jikkomunikaw mal-konvenut proprio.

2. Illi l-Bank attur ghandu jindika liema kienu l-kundizzjonijiet li fihom il-konvenut proprio kien inadempjenti.

3. Illi t-tieni talba ghandha tinbidel fis-sens li l-kundanna tkun, se mai, fuq il-konvenut proprio u mhux fuq il-kuraturi deputati.

Salv eccezzjonijiet ohra, specjalment in vista li l-esponenti jridu l-fatti minghand il-konvenut proprio.

Dikjarazzjoni tal-fatti

1. Illi l-esponenti m'ghandhomx fatti f'idejhom li bihom jistghu jikkontrastaw it-talba tal-Bank attur.

2. Konsegwentement ghalissa jirreferu ghal dak li nghad fl-eccezzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi ppreżentati waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Bis-saħħa ta' kuntratt tad-19 ta'Ottubru 2009 magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela il-konvenut Andrew Christopher Lamb, li mill-atti jirriżulta li ismu proprju huwa Christopher Guest More, issellef minn għand il-bank attur is-somma ta' tlett mitt elf ewro (€300,000). Saret sussegwentement korrezzjoni fl-ewwel kuntratt bis-saħħa ta' kuntratt ieħor tal-14 t'Ottubru 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, il-korrezzjoni iżda ma tirrigwardax is-self per se.

Johanna Bartolo, rappreżentanta tal-bank attur spjegat li Andrew Christopher Lamb huwa debitur tal-istess bank fis-somma ta' tlett mija u ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin

ċenteżmu (€325,689.85) fejn mitejn tmenin elf, tlett mija u ħamsa u tmenin Ewro u tmien ċenteżmi (€280,385.08) huma kapital u ħamsa u erbgħin elf, tlett mija u erba' Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€45,304.77) jirappreżentaw imgħaxijiet fuq il-kapital. Nonostante li s-Sur Lamb ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċċjali fis-16 ta' Lulju 2019 sabiex jersaq għall-ħlas huwa baqa' inadempjenti u għalhekk is-soċjetà attriċi istitwiet dawn il-proċeduri odjerni. Sharon Cachia, maniġer mal-Bank of Valletta p.l.c. ikkonfermat li wara li ġew intavolati dawn il-proċeduri ma saru l-ebda pagamenti. Spjegat li l-pagamenti ma kinux qegħdin ikunu regolari. Qalet ukoll li meta saru jafu li ġie arrestat, huma għamlu *call-in* tal-faċilita u bagħtu ittra fl-24 ta'Ġunju 2019 fl-indirizz tiegħu personali iżda ma saret l-ebda kommunikazzjoni magħhom min-naħa tas-Sur Lamb. Wara din l-ittra l-Bank bagħat ittra uffiċċjali din id-darba bl-indirizz tal-ħabs.

Il-bank attur eżebixxa fost l-oħrajn kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet "The Police (Inspector Mark Galea) vs. MORE Christopher Guest" minn fejn jirriżulta illi l-appell tal-konvenut minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ordnat l-estradizzjoni tiegħu ġie miċħud.

B'nota tad-9 ta' Novembru 2020[1] il-kuraturi deputati eżentaw lill-bank attur milli jġib il-prova li l-konvenut proprio ġie estradit lejn l-Ingilterra stante li "dan hu fatt magħruf".

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa tal-kuntratt fuq imsemmi datat 19 t'Ottubru 2009. Permezz ta' dawn il-proċeduri il-Bank attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ kollu tas-self mogħti lill-konvenut, inkluż l-imgħaxijiet, għaliex jgħid li l-istess ma żammx mal-obbligazzjonijiet li ntrabat bihom fil-kuntratt ta' self minħabba morożità fil-pagamenti.

[1] Paġna 135 tal-proċess

Ikkunsidrat;

Il-ġurisprudenza nostrana tgħallimna li '*il-ħtija fil-każ ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni hija nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke l-parti inadempjenti ma tippruvax il-każ fortuwitu jew il-forza maġġuri, jew raġuni oħra ta' eżenzjoni mir-responsabilità*'[2].

Fuq il-kuntratt tas-self il-partijiet kienu ftehmu inter alia illi "*if*

*(a) the customer fails to pay any sum whether of principal, interest, fees or charges, due from him under the deed o loan at the time and in the manner stipulated in this deed; or*

*(b) the Customer commits any breach of, or omits to observe any obligations or undertakings expressed to be assumed by hum under this deed; or*

*(c) any representation or warranty made or deemed to be made, or repeated by or in respect of the Customer, is or proves to have been, incorrect in any material respect [...] then or at any time thereafter, the Bank may by notice to the Customer declare the loan to be immediately due and payable, whereupon it shall become so due and payable together with accrued interest thereon and any other amounts then payable under this deed.*"[3]

Ġaladarba l-kreditur u ċioe il-Bank attur ipprova sodisfaċentement l-inadempiment kif ukoll il-bdil fiċ-ċirkostanzi tal-konvenut mill-mument tal-arrest tiegħu u l-konsegwenzjali estradizzjoni lejn l-Ingilterra, kif ukoll wera li interpella lil Andrew Christopher Lamb permezz ta' ittra uffiċjali tas-16 ta' Lulju 2019 sabiex jersaq għall-ħlas tal-arretrati kollha, il-piż tal-prova idur fuq id-debitur sabiex jipprova li dik l-inadempjenza ma kenitx dovuta għal xi nuqqas tiegħu.

---

[2] **Nicola Callus et vs. Nicolina Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Gunju 1959. Ara wkoll **Joseph Mallia et vs. JD Lifts Supplies Limited** (Cit Nru 91/2003) deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-14 ta' Dicembru 2006.

[3] Pagna 10 tal-process.

Mill-atti jirriżulta wkoll illi l-veru isem tal-konvenut huwa Christopher Guest More u li meta deher fuq il-kuntratt mal-bank attur huwa ippreżenta ruħu bħala Andrew Christopher Lamb b'karta ta' identita' Maltija numru 42381A.

Fid-dawl ta' dan u ġaladarba li l-provi miġjuba mill-bank attur ma ġewx kontradetti, l-Qorti ssib illi t-talba dedotta fir-rikors ġuramentat timmerita li tiġi akkolta.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż;

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 19 t'Ottubru 2009, partikularment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuit Christopher Guest More li fuq il-kuntratt deher b'isem falz ta' Andrew Christopher Lamb naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;

2. Tiddikjara illi l-konvenut Christopher Guest More, magħruf bħala Andrew Christopher Lamb huwa debitur tal-bank attur fis-somma ta' tlett mija u ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€325,689.85) bl-imgħax legali mid-19 t'Ottubru 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-bank attur l-imsemmija somma globali ta' tlett mija u ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€325,689.85), flimkien mal-imgħax legali mid-19 t'Ottubru 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Lulju 2019, b'dan illi l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi deputati għall-assenti għandhom jitħallsu provviżorjament mill-bank attur

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Marzu 2021

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**